Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Lulju 2024**
**(OR. en)**

**12617/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0195(NLE)**

**UD 150**
**BIH 11**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Lulju 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 335 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 335 final.

Mehmuż: COM(2024) 335 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2024
COM(2024) 335 final

2024/0195 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra[1] ("il-Ftehim") għandu l-għan li jappoġġa l-isforzi tal-Bożnija-Ħerzegovina biex tlesti t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015.

### 2.2. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 115 tal-Ftehim, jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn iż-żewġ Partijiet.

### 2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju tal-ittri, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jrid jadotta Deċiżjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku ("l-att previst").

## 3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Matul l-ewwel laqgħa teknika dwar ir-Regoli tranżitorji tal-oriġini li saret fi Brussell fil-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni")[2] qablu li jimplimentaw ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni[3] ("ir-Regoli tranżitorji tal-oriġini") b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, fuq bażi bilaterali tranżizzjonali, sakemm jiġu adottati r-regoli riveduti tal-Konvenzjoni.

Mill-1 ta' Settembru 2021, daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tal-oriġini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni li jagħmel ir-Regoli tranżitorji applikabbli, inkluż bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina.

L-objettiv tar-Regoli tranżitorji tal-oriġini huwa li jiġu introdotti regoli aktar laxki sabiex tiġi faċilitata l-kwalifika tal-istatus oriġinarju preferenzjali għall-oġġetti u tinħoloq il-possibbiltà li jintużaw provi tal-oriġini maħruġa u/jew imressqa b'mod elettroniku.

---

[1] ĠU L 164 30.6.2015, p. 2
[2] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
[3] ĠU L 339, 30.12.2019, p. 1.

L-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina qablu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 2 tal-Ftehim fir-rigward tal-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku, u għalhekk irid jiġi determinat qafas ta' rekwiżiti ġenerali.

Matul il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni nhar is-7 ta' Diċembru 2023, il-Partijiet Kontraenti adottaw b'unanimità r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-użu taċ-ċertifikati elettroniċi skont il-qafas tal-Konvenzjoni attwali. Ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi lista ta' kundizzjonijiet li skonthom, ladarba jiġu ssodisfati, il-parti importatriċi tista' taċċetta prova tal-oriġini fl-għamla ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1.

Dawn il-kundizzjonijiet huma identiċi għal dawk f'din il-proposta li jistabbilixxu r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet dwar il-provi tal-oriġini fl-għamla taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni qed tipprevedi li tistabbilixxi sistema elettronika għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku, il-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati kif ukoll il-ħżin u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Is-sistema elettronika taċ-Ċertifikati tal-Prova tal-oriġini (is-sistema e-PoC tal-UE) jenħtieġ li tiġi stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjonijiet tiegħu.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita mill-Kunsill.

Il-qafas propost huwa ta' natura teknika u huwa relatat mar-Regoli tranżitorji tal-oriġini attwalment applikabbli bejn il-Partijiet u ma jaffettwax is-sustanza tal-protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini. Għalhekk, ma jeħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

## 4. Bażi legali

### 4.1. Bażi legali proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[4].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra.
L-att li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti legali.
L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 4.2. Bażi legali sostantiva

#### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

### 4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## 5. Implikazzjoni baġitarja

Ir-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku ma għandhomx impatt li jista' jitkejjel fuq il-baġit tal-UE peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jikkonċerna prinċipalment il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-konsolidazzjoni ta' prattiki moderni tal-awtoritajiet doganali. Jipprevedu simplifikazzjoni fl-oqsma li jibqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet mingħajr ma jkollhom impatt fuq is-sustanza tar-regoli li minnhom l-oġġetti jiksbu status oriġinarju preferenzjali. L-użu tal-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku itejjeb l-effettività tal-kontrolli doganali u jnaqqas ir-riskju ta' frodi billi jintroduċi ambjent sigur ta' ħruġ u verifika.

## 6. Pubblikazzjoni tal-att previst

Peress li l-att tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se jissupplimenta l-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

2024/0195 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku skont l-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/998[1] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015.

(2) Skont l-Artikolu 117 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 115 tal-Ftehim, jista' jadotta d-deċiżjonijiet.

(3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni irid jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku.

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(5) Matul l-ewwel laqgħa teknika dwar ir-Regoli tranżitorji tal-oriġini li saret fi Brussell fil-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni")[2] qablu li jimplimentaw ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni[3] ("ir-Regoli tranżitorji tal-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/998 tal-21 ta' April 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (ĠU L 164 30.6.2015, p. 548).

[2] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

[3] ĠU L 339, 30.12.2019, p. 1.

oriġini") b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, fuq bażi bilaterali tranżizzjonali, sakemm jiġu adottati r-regoli riveduti tal-Konvenzjoni.

(6) L-applikazzjoni tar-Regoli tranżitorji tal-oriġini tiżgura l-adattament tal-flussi kummerċjali u l-prattiki doganali sakemm jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni li huma bbażati fuqhom ir-Regoli tranżitorji tal-oriġini.

(7) Mill-1 ta' Settembru 2021, daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tal-oriġini fost diversi Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni[4] li jagħmlu applikabbli r-Regoli tranżitorji tal-oriġini[5] sakemm tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni.

(8) Iż-żewġ objettivi tar-Regoli tranżitorji tal-oriġini[6] huma li jiġu introdotti regoli aktar laxki sabiex tiġi faċilitata l-kwalifika tal-istatus oriġinarju preferenzjali għall-oġġetti, u li tinħoloq il-possibbiltà li jintużaw provi tal-oriġini maħruġa jew imressqa b'mod elettroniku.

(9) L-Unjoni u l-Bożnija-Ħerzegovina qablu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi A tal-Protokoll 2 tal-Ftehim fir-rigward tal-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi determinat qafas tar-rekwiżiti ġenerali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

4 L-UE, l-Iżlanda, l-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), in-Norveġja, il-Gżejjer Faeroe, Iżrael, il-Ġordan, il-Palestina (din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni), l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Montenegro, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

5 ĠU C, C/2024/1637, 20.2.2024

6 ĠU L 2024/245